**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 266/21 AL

A (A) B

vs

C B

(MR Number 645/2001)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi huwa zzewweg mal-intimata fit-23 ta' Gunju 2001, certifikat taz-zwieg numru 645/2001 (Dok A).

2. Illi z-zwieg ta' bejniethom thassar irrimedjabbilment u pproéedew ghas-separazzjoni konsenswali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ritianne Bugeja Fenech tat-28 t'Ottubru 2004 (Dok. B)

3. Illi huma m'ghandhomx tfal u inoltre, fl-istess kuntratt gie patwit manteniment fil-konfront xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda possibilità ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi l-partijiet huma t-tnejn domiciljati Malta u ma hemm l-ebda pendenzi ta' bejniethom dwar il-manteniment.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tawtorizza r-registrazzjoni tal-istess divorzju ghall-finijiet u tal-ligi.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju, 2021;

Rat ili l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Ottubru 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.